**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

►B ►M6 **DIRETTIVA 2004/37/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL**

**tad-29 ta' April 2004**

**dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni fuq il-post tax-xogħol (Is-Sitt Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE)** ◄

**(verżjoni kodifikata)**

**(Test relevanti għaż-ŻEE)**

(ĠU L 158, 30.4.2004, p. 50)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Direttiva 2014/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 | L 65 | 1 | 5.3.2014 |
| ►M2 | Direttiva (UE) 2017/2398 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 | L 345 | 87 | 27.12.2017 |
| ►M3 | Direttiva (UE) 2019/130 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 | L 30 | 112 | 31.1.2019 |
| ►M4 | Direttiva (UE) 2019/983 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 | L 164 | 23 | 20.6.2019 |
| ►M5 | Regolament (UE) 2019/1243 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 | L 198 | 241 | 25.7.2019 |
| ►M6 | Direttiva (UE) 2022/431 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2022 | L 88 | 1 | 16.3.2022 |

▼B

▼M6

**DIRETTIVA 2004/37/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL**

**tad-29 ta' April 2004**

**dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni fuq il-post tax-xogħol (Is-Sitt Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE)**

▼B

**(verżjoni kodifikata)**

**(Test relevanti għaż-ŻEE)**

KAPITOLU I

**DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Oġġettiv**

▼M6

1. Din id-Direttiva għandha bħala l-għan tagħha l-protezzjoni tal-ħaddiema kontra riskji għas-saħħa u s-sigurtà tagħhom, li jirriżultaw minn jew li x’aktarx jirriżultaw minn espożizzjoni għal karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni fuq il-post tax-xogħol, inkluż il-prevenzjoni ta’ dawn ir-riskji.

▼B

Tistabbilixxi ħtieġijiet minimi partikolari f'dan il-qasam, inklużi valuri limitu.

2. Din id-Direttiva m'għandiex tapplika għal ħaddiema esposti biss għal radjazzjoni kopruta mit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

3. Direttiva 89/391/KEE għandha tapplika bi sħiħ għal erja kollha msemija fil-paragrafu 1, mingħajr preġudizzju għal disposizzjonijiet iktar stretti u/jew speċifiċi li jinsabu f'din id-Direttiva.

▼M1

4. Fir-rigward tal-asbestos, li huwa ttrattat mid-Direttiva 2009/148/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], id-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva għandhom japplikaw kull meta jkunu aktar favorevoli għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

▼B

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva,

▼M1

(a) “karċinoġenu” tfisser:

[1] Direttiva 2009/148/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Novembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol (ĠU L 330, 16.12.2009, p. 28).

▼M1

(i) sustanza jew taħlita li tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġenu tal-kategorija 1 A jew 1B stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(ii) sustanza, taħlita jew proċess imsemmi fl-Anness I ta' din id-Direttiva kif ukoll sustanza jew taħlita rilaxxata minn proċess imsemmi f'dak l-Anness;

(b) "mutaġenu" tfisser:

sustanza jew taħlita li tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala mutaġen għaċ-ċelloli ġerminali tal-kategorija 1 A jew 1B stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;

▼M6

(ba) "sustanza tossika għar-riproduzzjoni" tfisser sustanza jew taħlita li tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala sustanza tossika għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1 A jew 1B stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;

(bb) "sustanza tossika għar-riproduzzjoni mingħajr livell limitu" tfisser sustanza tossika għar-riproduzzjoni li għaliha ma hemm l-ebda livell sigur ta' espożizzjoni għas-saħħa tal-ħaddiema u li hi identifikata bħala tali fil-kolonna tan-notazzjoni tal-Anness III;

(bc) "sustanza tossika għar-riproduzzjoni b'livell limitu" tfisser sustanza tossika għar-riproduzzjoni li għaliha jeżisti livell sigur ta' espożizzjoni li taħtu ma hemm l-ebda riskju għas-saħħa tal-ħaddiema u li hi identifikata bħala tali fil-kolonna tan-notazzjoni tal-Anness III;

(c) "valur limitu" tfisser, jekk mhux speċifikat mod ieħor, il-limitu tal-medja kkunsidrata fil-funzjoni tal-ħin tal-konċentrazzjoni għalkarċinoġenu, mutaġenu jew sustanza tossika għar-riproduzzjoni fl-arja ġewwa ż-żona ta' respirazzjoni ta' ħaddiem imqabbla mal-perijodu ta' referenza speċifiku kif iddikjarat fl-Anness III;

(d) "valur limitu bijoloġiku" tfisser il-limitu tal-konċentrazzjoni fil-medju bijoloġiku xieraq tal-aġent rilevanti, il-metabolit tiegħu, jew indikatur tal-effett;

(e) "sorveljanza tas-saħħa" tfisser l-istima ta" ħaddiem individwali biex jiġi ddeterminat l-istat tas-saħħa ta' dak l-individwu, kif relatat mal-espożizzjoni għal karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni speċifiċi fuq il-post tax-xogħol.

---

([1]) Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

▼B

*Artikolu 3*

**Kamp ta' applikazzjoni – determinazzjoni u stima ta' riskji**

▼M6

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal attivitajiet li fihom il-ħaddiema huma jew jistgħu jiġu esposti għal karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni b'riżultat tax-xogħol tagħhom.

2. Fil-każ ta' attività li tista' tinvolvi riskju ta' espożizzjoni għal karċinogeni, mutaġeni jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni, in-natura, il-grad u d-dewmien tal-espożizzjoni tal-ħaddiema għandhom jiġu determinati sabiex jagħmluha possibbli li jistmaw kull riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u biex jiġu stabbiliti l-miżuri li għandhom jittieħdu.

L-istima għandha tiġi mġedda regolarment u f'kull każ meta jseħħ xi tibdil fil-kundizzjonijiet li jistgħu jaffettwaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għal karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni.

▼B

Il-prinċipal għandu jipprovdi l-awtoritajiet responsabbli fuq talba tagħhom bl-informazzjoni użata biex jagħmel l-istima.

3. Meta r-riskju qed jiġi stmat, qies għandu jiġi meħud tar-rotot ta' esposizzjoni kollha, bħal assorbiment ġewwa u/jew minn ġol-ġilda.

▼M6

4. Meta tiġi esegwita l-istima ta' riskju, min iħaddem għandu jagħti attenzjoni partikolari għall-effetti kollha li jikkonċernaw is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li qegħdin f'riskju partikolari, fost oħrajn, iqis ix-xewqa li ma jimpjegax dawn il-ħaddiema f'oqsma li fihom jistgħu jiġu f'kuntatt ma' karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni.

▼B

KAPITOLU II

**OBBLIGAZZJONIJIET TA' MIN IĦADDEM**

*Artikolu 4*

**Riduzzjoni u sostituzzjoni**

▼M6

1. Min iħaddem għandu jnaqqas l-użu ta' karċinoġenu, mutaġenu jew ta' sustanza tossika għar-riproduzzjoni fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari billi jibdlu, sa fejn ikun teknikament possibbli, b'sustanza, taħlita jew proċess li, taħt il-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom ma jkunux perikolużi jew ikunu inqas perikolużi għas-saħħa jew is-sigurtà tal-ħaddiema, skont kif ikun il-każ.

▼B

2. Il-prinċipal għandu, fuq talba, jagħti s-sejbiet ta' l-investigazzjonijiet tiegħu lill-awtoritajiet relevanti.

▼B

*Artikolu 5*

**Prevenzjoni u riduzzjoni ta' l-esposizzjoni**

1. Meta r-riżultati ta' l-istima msemmija fl-Artikolu 3(2) jiżvelaw riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, l-esposizzjoni tal-ħaddiema għandha tiġi prevenuta.

▼M6

2. Meta ma jkunx teknikament possibbli li l-karċinoġenu, il-mutaġenu jew is-sustanza tossika għar-riproduzzjoni jinbidlu b'sustanza, taħlita jew proċess li, skont il-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom ma jkunux perikolużi jew ikunu inqas perikolużi għas-saħħa jew is-sigurtà, min iħaddem għandu jiżgura li, sakemm ikun teknikament possibbli, il-karċinoġenu, il-mutaġenu jew is-sustanza tossika għar-riproduzzjoni jkunu mmanifatturati u jintużaw f'sistema magħluqa.

3. Meta sistema magħluqa mhijiex teknikament possibbli, min iħaddem għandu jiżgura li l-livell ta' espożizzjoni tal-ħaddiema għal karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza tossika għar-riproduzzjoni mingħajr livell limitu jitnaqqas għal livell kemm jista' jkun baxx kemm hu teknikament possibbli.

3a. Fejn ma jkunx teknikament possibbli li tintuża jew tiġi mmanifatturata sustanza tossika għar-riproduzzjoni b'livell limitu f'sistema magħluqa, min iħaddem għandu jiżgura li r-riskju relatat mal-espożizzjoni tal-ħaddiema għal dik is-sustanza tossika għar-riproduzzjoni b'livell limitu jitnaqqas għal minimu.

3b. Fir-rigward ta' sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni għajr sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni mingħajr livell limitu u sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni b'livell limitu, min iħaddem għandu japplika l-paragrafu 3a ta' dan l-Artikolu. F'każ bħal dan, fit-twettiq tal-istima msemmija fl-Artikolu 3, min iħaddem għandu jqis kif xieraq il-possibbiltà li livell sigur ta' espożizzjoni għas-saħħa tal-ħaddiema għal tali sustanza tossika għar-riproduzzjoni jista' ma jeżistix u għandu jistabbilixxi miżuri xierqa f'dak ir-rigward.

4. L-espożizzjoni m'għandhiex tkun iktar mill-valur limitu ta' karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza tossika għar-riproduzzjoni kif stabbilit fl-Anness III.

5. Kull meta jintużaw karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza tossika għar-riproduzzjoni, min iħaddem għandu japplika l-miżuri kollha li ġejjin:

(a) jillimita il-kwantitajiet ta' karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza tossika għar-riproduzzjoni fuq il-post tax-xogħol;

▼B

(b) iżomm baxx kemm jista' jkun in-numru ta' ħaddiema esposti jew li jista' jkunu esposti;

▼M6

(c) jiddisinja proċessi ta' ħidma u miżuri ta' kontroll tal-inġinerija sabiex jevita jew inaqqas il-ħruġ ta' karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni fil-post tax-xogħol;

▼M6

(d) jevakwa l-karċinoġeni, il-mutaġeni jew is-sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni mis-sors, mis-sistema ta' estrazzjoni lokali jew mill-ventilazzjoni ġenerali, b'mod li dawn il-metodi kollha jkunu xierqa u kompatibbli mal-ħtieġa li jitħarsu s-saħħa pubblika u l-ambjent;

(e) juża proċeduri xierqa eżistenti għall-kejl ta' karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni, b'mod partikolari għall-iskoperta bikrija ta' espożizzjoni anormali li jirriżultaw minn avveniment mhux previst jew aċċident;

▼B

(f) applikazzjoni tal-proċeduri u metodi tax-xogħol addattati;

(g) miżuri ta' protezzjoni kollettivi u/jew, meta l-esposizzjoni ma tistax tiġi evitata b'mezzi oħra, miżuri ta' protezzjoni individwali;

(h) miżuri ta' iġene, b'mod partikolari tindif regolari ta' l-artijiet, ħitan u superfiċji oħra;

(i) informazzjoni lil ħaddiema;

▼M6

(j) id-demarkazzjoni taż-żoni ta' riskju u l-użu ta' sinjali ta' twissija u sigurtà adegwati inklużi sinjali ta' projbizzjoni tat-tipjip fiż-żoni fejn il-ħaddiema huma esposti jew jistgħu jkunu esposti għal karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni;

▼B

(k) tfassil ta' pjani li jitratta ma' emerġenzi li jistgħu jirriżultaw f'esposizzjoni anormalment għolja;

(l) mezzi għal ħażna, mmaniġġjar u trasportazzjoni f'kondizzjoni ta' sigurtà, b'mod partikolari bl-użu ta' kontenituri ssiġillatti u tikkettati b' mod ċar u viżibli;

(m) mezzi għal ġbir, ħażna u tneħħija ta' skart mill-ħaddiema f'kondizzjoni ta' sigurtà, inkluż l-użu ta' kontenituri ssiġillatti u tikkettati b' mod ċar u viżibli.

*Artikolu 6*

**Informazzjoni fuq l-awtorità kompetenti**

Meta r-riżultati ta' l-istima msemmija fl-Artikolu 3(2) jiżvelaw riskju għas-saħħa jew sigurtà tal-ħaddiema, min iħaddem għandu, meta mitlub, jagħmel għad-disposizzjoni lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni adddattata fuq:

▼M6

(a) l-attivitajiet u/jew proċessi industrijali esegwiti, inklużi r-raġunijiet li għalihom il-karċinoġeni, il-mutaġeni jew is-sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni huma użati;

(b) il-kwantitajiet ta' sustanzi jew taħlitiet immanifatturati jew użati li fihom karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni;

▼B

(ċ) in-numru ta' ħaddiema esposti;

(d) il-miżuri preventivi meħuda;

▼B

(e) it-tip ta' apparat protettiv użat;

(f) in-natura u l-grad ta' esposizzjoni;

(g) il-każi ta' tibdil.

▼M2

L-Istati Membri għandhom jieħdu kont tal-informazzjoni taħt il-punti (a) sa (g) tal-ewwel paragrafu ta’ dan l-Artikolu fir-rapporti tagħhom li jissottomettu lill-Kummissjoni taħt l-Artikolu 17a tad-Direttiva 89/391/KEE.

▼B

*Artikolu 7*

**Esposizzjoni Mhux Prevista**

1. F'każ ta' avveniment mhux previst jew aċċident li jista' jirriżulta f'esposizzjoni anormali tal-ħaddiema, l-prinċipal għandu jinforma l-ħaddiema tiegħu.

2. Sakemm is-sitwazzjoni tiġi lura għan-normal u l-kawżi ta' esposizzjoni anormali ġew eliminati:

(a) dawk il-ħaddiema biss li huma essenzali għal esegwiment ta' riparazzjonijiet u xogħol neċessarju ieħor għandhom jiġu permessi li jaħdmu fl-postijiet affettwati;

(b) il-ħaddiema kkonċernati għandhom jiġu provduti b'ilbies protettiv u apparat individwali għal protezzjoni respiratorja li huma għandhom jilbsu; l-esposizzjoni tista' ma tkunx permanenti u għandha tibqa miżmuma sal-minimu strett tal-ħin neċessarju għal kull ħaddiem;

(ċ) ħaddiema mhux protetti m'għandhomx jitħallew jaħdmu fl-postijiet affettwati.

*Artikolu 8*

**Esposizzjoni Prevista**

1. Għal ċerti attivitajiet bħal manutenzzjoni, li dwarhom huwa previst li hemm il-potenzal għal żieda sinjifikanti fl-esposizzjoni tal-ħaddiema, u li dwarhom kull skop għal miżuri preventivi tekniċi ulterjuri biex jillimitaw l-esposizzjoni tal-ħaddiema ġiet diġa eżawrita, l-prinċipal għandu jiddetermina, wara konsultazzjoni tal-ħaddiema u/jew ir-rappreżentattivi tagħhom fl-impriża jew stabbiliment, mingħjr preġudizzju għar-responsabbilità tal-prinċipal, il-miżuri neċessarji biex inaqqsu d-dewmien ta' l-esposizzjoni tal-ħaddiema għal minimu possibbli u biex tiżgura l-protezzjoni tal-ħaddiema waqt li jkunu okkupati b'dawn l-attivitajiet.

Skond l-ewwel subparagrafu, il-ħaddiema konċernati għandhom jiġu provduti b' ilbies protettiv u apparat individwali għal protezzjoni respiratorja li għandhom jilbsu sakemm l-esposizzjoni anormali tippersisti; dik l-esposizzjoni tista' ma tkunx permanenti u għandha tiġi miżmuma għal minimu strett ta' ħin neċessarju għal kull ħaddiem.

2. Miżuri addattati għandhom jiġu meħuda biex jiżguraw li l-postijiet li fihom l-attivitajiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' paragrafu 1 isiru huma demarkati b'mod ċar u indikati jew li persuni mhux awtorizzati huma prevenuti b' mezzi oħra milli jkollhom aċċess għal dawn postijiet.

▼B

*Artikolu 9*

**Aċċess għal postjiet ta' riskju**

Miżuri addattati għandhom jiġi meħuda minn min iħaddem biex jiżguraw li l-aċċess għall-postijiet li fihom l-attivitajiet li dwarhom ir-riżultati ta' l-istima msemmija fl-Artikolu 3(2) jiżvelaw riskju għas-sigurtà jew saħħa tal-ħaddiema isiru huma aċċessibli unikament għal ħaddiema li, minħabba x-xogħol jew dmirijiet tagħhom, huma meħtieġa li jidħlu fihom.

*Artikolu 10*

**Iġene u protezzjoni individwali**

▼M6

1. Min iħaddem għandu l-obbligu, fil-każ tal-attivitajiet kollha li jippreżentaw riskju ta’ kontaminazzjoni b’karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni, li jieħu miżuri addattati biex jiżgura li:

(a) il-ħaddiema ma jiklux, ma jixorbux u ma jpejpux fil-postijiet tax-xogħol fejn ikun hemm riskju ta’ kontaminazzjoni b’karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni;

▼B

(b) ħaddiema huma provduti b'ilbies protettiv addattat jew ilbies speċjali addattat;

(ċ) postijiet ta' ħażna separata huma provduti għall-ilbies protettiv jew tax-xogħol u għal ħwejjeġ ċivili;

(d) ħaddiema huma provduti b'faċilitajiet iġeniċi addattati u adegwati;

(e) apparat protettiv huwa maħżun sew f'post definit ċar u huwa ċċekjat u mnaddaf jekk possibbli qabel, u f'kull każ wara, kull użu;

(f) apparat diffettuż huwa imsewwi jew mibdul qabel użu ulterjuri.

2. Ħaddiema jistgħu ma jkunux mitluba jħallsu l-ispiża tal-miżuri ddikjarati fil-paragrafu 1.

*Artikolu 11*

**Informazzjoni u taħriġ tal-ħaddiema**

1. Miżuri addattati għandhom jiġu meħuda mill-prinċipal biex jiżgura li ħaddiema u/jew ir-rappreżentanti tal-ħaddiema fl-impriża jew stabbiliment jirċievu taħriġ suffiċjenti u addattat, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni għad-disposizzjoni, b'mod partikolari fil-forma ta' informazzjoni u struzzjoni, li jikkonċernaw:

(a) riskji potezjali għas-saħħa, inklużi riskji addizzjonali minħabba konsum ta' tabakk;

(b) prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu biex jipprevjenu esposizzjoni;

(ċ) ħtieġijiet ta' iġene;

▼B

(d) ilbies u użu ta' apparat u lbies protettiv;

(e) passi li għandhom jittieħdu mill-ħaddiema, inklużi ħaddiema ta' salvataġġ, fil-każ ta' inċidenti u biex tipprevjeni inċidenti.

▼M6

It-taħriġ għandu jkun:

— adattat biex jikkunsidra riskju ġdid jew mibdul, b'mod partikolari meta l-ħaddiema huma esposti jew x'aktarx esposti għal karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni ġodda jew għal għadd ta' karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni differenti, inklużi dawk li jinsabu fi prodotti mediċinali perikolużi, jew fil-każ ta' ċirkostanzi li jinbidlu relatati max-xogħol,

— offrut perjodikament fil-kuntesti tas-settur tas-saħħa lill-ħaddiema kollha li huma esposti għal karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni, b'mod partikolari meta jintużaw prodotti mediċinali perikolużi ġodda li jkun fihom dawk is-sustanzi, u

— ripetut perjodikament f'ambjenti oħra jekk neċessarju.

2. Min iħaddem għandu jinforma lill-ħaddiema dwar l-installazzjonijiet u kontenituri relatati li jkun fihom karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni, jiżgura li l-kontenituri, pakketti u installazzjonijet kollha li fihom karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni jkunu tikkettati b'mod ċar u li jinqara, u juru sinjali ta' twissija u periklu b'mod ċar u viżibbli.

Fejn valur limitu bijoloġiku jkun ġie stabbilit fl-Anness IIIa, is-sorveljanza tas-saħħa għandha tkun obbligatorja għax-xogħol bil-karċinoġenu, il-mutaġenu jew is-sustanza tossika għar-riproduzzjoni inkwistjoni, skont il-proċeduri stabbiliti f'dak l-Anness. Il-ħaddiema għandhom jiġu infurmati b'dak ir-rekwiżit qabel ma jiġu assenjati l-kompitu li jinvolvi r-riskju tal-espożizzjoni għal karċinoġenu, mutaġenu jew sustanzi tossika għar-riproduzzjoni indikata.

▼B

*Artikolu 12*

**Informazzjoni għal ħaddiema**

Miżuri addattati għandhom jittieħdu biex jiżguraw li:

(a) ħaddiema u/jew rappreżentanti tal-ħaddiema fl-impriża jew stabbiliment jistgħu jiċċekjaw li din id-Direttiva hija applikata jew tista' tiġi involuta fl-applikazzjoni tagħha, b'mod partikolari fir-rigward ta':

▼B

(i) il-konsegwenzi għas-sigurtà u saħħa tal-ħaddiema konnessi ma' l-għażla, l-ilbies u l-użu ta' lbies u apparat protettiv, mingħajr preġudizzju għar-responsabbilità tal-prinċipal biex jiddetermina l-effettività ta' l-apparat u l-ilbies protettiv;

(ii) il-miżuri determinati mill-prinċipal li huma msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 8(1), mingħajr preġudizzju lejn ir-responsabbilta tal-prinċipal biex jiddetermina dawn il-miżuri;

(b) ħaddiema u/jew rappreżentanti tal-ħaddiema fl-impriża jew stabbiliment huma infurmati malajr kemm jista' jkun dwar esposizzjonijiet anormali, inklużi dawk imsemmija fl-Artikolu 8, fuq il-kawżi tiegħu u fuq il-miżuri meħuda jew li ser jiġu meħuda biex tikkoreġġi s-sitwazzjoni;

(ċ) il-prinċipal iżomm lista aġġornata ta' ħaddiema okkupati fl-attivitajiet li dwarhom ir-riżultati ta' l-istima msemmija fl-Artikolu 3(2) jiżvelaw riskju għas-saħħa u sigurtà tal-ħaddiema, li tindika, jekk l-informazzjoni qedgħha għad-diposizzjoni, l-esposizzjoni li ġew suġġetti għaliha;

(d) it-tabib u/jew l-awtorità kompetenti kif ukoll l-persuni l-oħra kollha li għandhom responsabbilità għas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol għandhom aċċess għall-lista msemmija f'punt (ċ);

(e) kull ħaddiem għandu aċċess għall-informazzjoni fuq il-lista li tirrelata miegħu personali;

(f) ħaddiema u/jew rappreżentanti tal-ħaddiema fl-impriża jew stabbiliment għandhom aċċess għal informazzjoni kollettiva anonima.

*Artikolu 13*

**Konsultazzjoni u parteċipazzjoni tal-ħaddiema**

Konsultazzjoni u parteċipazzjoni tal-ħaddiema u/jew rappreżentanti tagħhom b'konnessjoni ma' materji kopruti minn din id-Direttiva għandhom isiru skond l-Artikolu 11 tad-Direttiva 89/391/KEE.

▼M3

*Artikolu 13a*

**Ftehimiet bejn is-sħab soċjali**

Il-ftehimiet bejn is-sħab soċjali possibbilment konklużi fil-qasam ta' din id-Direttiva għandhom ikunu elenkati fuq is-sit web tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA). Dik il-lista għandha tiġi aġġornata b'mod regolari.

▼B

KAPITOLU III

**DISPOSIZZJONIJIET DIVERSI**

*Artikolu 14*

**Sorveljanza tas-saħħa**

▼M2

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, f'konformità mal-liġi jew prattika nazzjonali, arranġamenti għat-twettiq tas-sorveljanza rilevanti tas-saħħa tal-ħaddiema li għalihom ir-riżultati tal-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(2) jiżvelaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza. It-tabib jew l-awtorità responsabbli għas-sorveljanza tas-saħħa tal-ħaddiema jistgħu jindikaw li s-sorveljanza tas-saħħa għandha tkompli wara t-tmiem tal-espożizzjoni sakemm huma jikkunsidraw li tkun meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa tal-ħaddiem konċernat.

▼B

2. L-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu tali li kull ħaddiem għandu jkun kapaċi li jgħaddi minn, jekk addattat, sorveljanza tas-saħħa relevanti:

qabel l-esposizzjoni,

f'intervalli regolari wara hekk.

Dawk l-arranġamenti għandhom ikunu hekk li huwa direttament possibbli biex timplimenta miżuri ta' iġene individwali u fuq il-post tax-xogħol.

▼M6

3. Jekk ħaddiem jinstab li jkun qed isofri minn anormalità li tkun issuspettata li ġejja minn espożizzjoni għal karċinoġeni, għal mutaġeni jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni, jew jekk valur limitu bijoloġiku jinstab li ġie maqbuż, it-tabib jew l-awtorità responsabbli għas-sorveljanza tas-saħħa tal-ħaddiema jista' jeħtieġ li ħaddiema oħra li ġew esposti b'mod simili ssirilhom sorveljanza ta' saħħithom.

▼B

F'dak il-każ, stima mill-ġdid tar-riskju ta' esposizzjoni għandu jiġi esegwit skond l-Artikolu 3(2).

▼M6

4. F'każijiet fejn hija eżegwita s-sorveljanza tas-saħħa, għandu jinżamm rekord mediku individwali u t-tabib jew awtorità responsabbli għas-sorveljanza tas-saħħa għandhom jipproponu xi miżuri protettivi jew preventivi li għandhom jittieħdu dwar ħaddiema individwali. Il-monitoraġġ bijoloġiku u r-rekwiżiti relatati jistgħu jiffurmaw parti mis-sorveljanza tas-saħħa.

▼B

5. Informazzjoni u parir għandhom jiġu mogħtija lil ħaddiema rigward kull sorveljanza ta' saħħa li huma jistgħu jgħaddu minnha wara it-tmiem ta' l-esposizzjoni.

6. Skond liġijiet nazzjonali u/jew prattiki:

ħaddiema għandhom jkollhom aċċess għar-riżultati tas-sorveljanza tas-saħħa li tikkonċerna lilhom, u

▼B

il-ħaddiema kkonċernati jew il-prinċipal jistgħu jitolbu reviżjoni tar-riżultati tas-sorveljanza tas-saħħa.

7. Rakkomandazzjonijiet prattiċi għas-sorveljanza tas-saħħa tal-ħaddiema huma mogħtija fl-Anness II.

▼M6

8. Il-każijiet kollha ta' kanċer, effetti negattivi fuq il-funzjoni sesswali u l-fertilità fil-ħaddiema nisa u rġiel adulti jew tossiċità tal-iżvilupp fl-ulied identifikati skont il-liġijiet jew il-prattiki nazzjonali bħala li jirriżultaw minn espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol għal karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza tossika għar-riproduzzjoni, għandhom jiġu notifikati lill-awtorità kompetenti.

▼M2

L-Istati Membri għandhom jieħdu kont tal-informazzjoni taħt dan il-paragrafu fir-rapporti tagħhom li jissottomettu lill-Kummissjoni taħt l-Artikolu 17a tad-Direttiva 89/391/KEE.

▼B

*Artikolu 15*

**Żamma ta' *Records***

▼M6

1. Fir-rigward ta' karċinoġeni u mutaġeni, il-lista msemmija f'punt (c) tal-Artikolu 12 u r-rekord mediku msemmi fl-Artikolu 14(4) għandhom jinżammu għal mill-inqas 40 sena wara t-tmiem tal-espożizzjoni, skont il-liġi jew il-prattiċi nazzjonali.

1a. Fir-rigward ta' sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni, il-lista msemmija f'punt (c) tal-Artikolu 12 u r-rekord mediku msemmi fl-Artikolu 14(4) għandhom jinżammu għal mill-inqas ħames snin wara t-tmiem tal-espożizzjoni, skont il-liġi jew il-prattiċi nazzjonali.

▼B

2. Dawk id-dokumenti għandhom jiġu magħmula għad-disposizzjoni lill-awtorità responsabbli f'każi fejn l-impriża itemm l-attività, skond il-liġijiet u/jew il-prattiċi nazzjonali.

*Artikolu 16*

**Valuri limitu**

▼M6

1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 153(2), punt (b), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), jistabbilixxu valuri limitu fid-Direttivi abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluża data xjentifika u teknika, fir-rigward ta' dawk il-karċinoġeni, il-mutaġeni u s-sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni kollha li għalihom dan huwa possibbli, u, fejn neċessarju, dispożizzjonijiet relatati oħra.

▼B

2. Valuri limitu u disposizzjonijiet relatati oħra huma ddikjarati fl-Anness III.

▼M6

3. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 153(2), punt (b), tat-TFUE, jistabbilixxu valuri limitu bijoloġiċi fid-Direttivi abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluża data xjentifika u teknika, flimkien ma' informazzjoni rilevanti oħra dwar is-sorveljanza tas-saħħa.

4. Valuri limitu bijoloġiċi u informazzjoni oħra dwar is-sorveljanza tas-saħħa huma stipulati fl-Anness IIIa.

*Artikolu 16a*

**Identifikazzjoni ta' sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni mingħajr livell limitu u b'livell limitu**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 153(2), punt (b), tat-TFUE, jidentifikaw, abbażi tad-data xjentifika u teknika disponibbli, fil-kolonna tan-notazzjonijiet tal-Anness III għal din id-Direttiva jekk sustanza tossika għar-riproduzzjoni hijiex sustanza tossika għar-riproduzzjoni mingħajr livell limitu jew sustanza tossika għar-riproduzzjoni b'livell limitu.

▼M5

*Artikolu 17*

**Emenda tal-Anness II**

▼M6

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17a sabiex tagħmel emendi strettament tekniċi għall-Anness II, sabiex jitqies il-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u s-sejbiet ġodda fir-rigward tal-karċinoġeni, tal-mutaġeni jew tas-sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni.

▼M5

Fejn, f'każijiet debitament ġustifikati u eċċezzjonali li jinvolvu riskji imminenti, diretti u serji għas-saħħa u s-sikurezza fiżiċi tal-ħaddiema u ta' persuni oħra, raġunijiet imperattivi ta' urġenza jeħtieġu azzjoni f'perijodu qasir ħafna ta' żmien il-proċedura prevista fl-Artikolu 17b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.

*Artikolu 17a*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

▼M5

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 17 għal perijodu ta' ħames snin mis-26 ta' Lulju 2019. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħat għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perijodi tal-istess tul, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonax għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 17 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiż-joni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([1]).

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 17 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 17b*

**Proċedura ta' urġenza**

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet li għalihom tkun intużat il-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 17a(6). F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att immedjatament wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

▼B

*Artikolu 18*

**Użu ta' data**

Il-Kummissjoni għandu jkollha aċċess għall-użu magħmul mill-awtorita-jiet nazzjonali kompetenti ta' l-informazzjoni msemmija fl-Arti-kolu 14(8).

([1]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

▼M6

*Artikolu 18a*

**Evalwazzjoni**

Il-Kummissjoni għandha, bħala parti mill-evalwazzjoni li jmiss tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fil-kuntest tal-evalwazzjoni msemmija fl-Artikolu 17a tad-Direttiva 89/391/KEE, tevalwa wkoll il-ħtieġa li jiġi modifikat il-valur limitu għat-trab tas-silika kristallina respirabbli. Il-Kummissjoni għandha tniedi dan il-proċess fl-2022 u, fejn xieraq, għandha sussegwentement tipproponi, emendi u modifiki neċessarji relatati ma' dik is-sustanza f'reviżjoni sussegwenti ta' din id-Direttiva.

Mhux aktar tard mill-11 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-għażla li din id-Direttiva tiġi emendata biż-żieda ta' dispożizzjonijiet dwar kombinazzjoni ta' limitu ta' espożizzjoni okkupazzjonali fl-arja u ta' valur limitu bijoloġiku għall-kadmju u l-komposti inorganiċi tiegħu.

Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2022, fejn xieraq, wara konsultazzjoni mal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ASCH) u b'kunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet eżistenti tal-aġenziji differenti, partijiet ikkonċernati u l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, dwar karċinoġeni, mutaġeni u sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni prijoritarji li għalihom jinħtieġu valuri limitu, il-Kummissjoni għandha tippreżenta pjan ta' azzjoni biex tikseb valuri limitu ta' espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol ġodda jew riveduti għal tal-inqas 25 sustanza, gruppi ta' sustanzi jew sustanzi ġġenerati minn proċess. Fejn xieraq, waqt li tqis dak il-pjan ta' azzjoni, l-aħħar żviluppi fl-għarfien xjentifiku, u wara konsultazzjoni mal-ACSH, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposti leġiżlattivi skont l-Artikolu 16 mingħajr dewmien.

Fejn ikun xieraq u mhux aktar tard mill-5 ta' April 2025, waqt li tqis l-aħħar żviluppi fl-għarfien xjentifiku u wara konsultazzjoni xierqa mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa definizzjoni u tistabbilixxi lista indikattiva tal-prodotti mediċinali perikolużi jew tas-sustanzi li fihom dawn il-prodotti li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġenu ta' kategorija 1 A u 1B stipulati fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, mutaġenu jew sustanza tossika għar-riproduzzjoni.

Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni għandha, wara konsultazzjoni xierqa mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, tħejji linji gwida tal-Unjoni għat-tħejjija, l-amministrazzjoni u r-rimi ta' prodotti mediċinali perikolużi fuq il-post tax-xogħol. Dawk il-linji gwida għandhom jiġu ppubblikati fis-sit web tal-EU-OSHA u għandhom jitqassmu fl-Istati Membri kollha mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti.

Fejn xieraq, u wara li tirċievi opinjoni tal-ACSH, il-Kummissjoni għandha, filwaqt li tqis il-metodoloġija eżistenti għall-istabbiliment ta' valuri limitu għall-karċinoġeni f'xi Stati Membri u l-opinjoni tal-ACSH, tistabbilixxi l-livelli ta' riskju superjuri u inferjuri. Sa mhux aktar tard minn 12-il xahar wara li tkun irċeviet l-opinjoni tal-ACSH, il-Kummissjoni għandha, wara konsultazzjoni xierqa mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, tħejji linji gwida tal-Unjoni dwar il-metodoloġija għall-istabbiliment tal-valuri limitu bbażati fuq ir-riskju. Dawk il-linji gwida għandhom jiġu ppubblikati fis-sit web tal-EU-OSHA u mqassma fl-Istati Membri kollha mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti.

▼M6

Mhux aktar tard mill-31 ta’ Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha, filwaqt li tqis l-aħħar żviluppi fl-għarfien xjentifiku, u wara konsultazzjoni xierqa mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, tipproponi, fejn xieraq, valur limitu għall-kobalt u għall-komposta tal-kobalt inorganiċi.

▼B

*Artikolu 19*

**Notifika lill-Kummissjoni**

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni d-disposizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jaddottaw fil-futur fil-qasam irregolat minn din id-Direttiva.

*Artikolu 20*

**Abrogazzjoni**

Direttiva 90/394/KEE, kif emendat mid-Direttivi msemmija fl-Anness IV, Parti A ta' din id-Direttiva hija abrogata, mingħajr preġudizzju għall-obbligazzjonijiet ta' l-Istati Membri li jikkonċernaw limiti ta' żmien għat-trasposizzjoni ddikjarati fl-Anness IV, Parti B ta' din id-Direttiva.

Referenzi għad-Direttiva mibdula għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella tal-korrelazzjoni fl-Anness V.

*Artikolu 21*

**Tidħol fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 22*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

*ANNESS I*

**Lista ta' sustanzi, ►M1 taħlitiet ◄ u proċessi**

*(Artikolu 2(a)(iii))*

1. Manifattura ta' awramin.

2. Xogħol li jinvolvi esposizzjoni għal idrokarbonji poliċikliċi aromatiċi preżenti fin-nugrufun, qatran minerali jew żift.

3. Xogħol li jinvolvi esposizzjoni għal trabijiet, dħaħen u sprejs prodotti waqt xiwi u elettroraffinar ta' materji ta' kuprunikil.

4. Proċess ta' aċidu b'saħħtu fil-manifattura ta' alkoħol isopropiliku.

5. Xogħol li jinvolvi esposizzjoni għal trabijiet ta' injam iebes (1).

▼M2

6. Xogħol li jinvolvi espożizzjoni għat-trab tas-silika kristallina respirabbli ġġenerat minn proċess ta’ xogħol.

▼M3

7. Xogħol li jinvolvi l-espożizzjoni tal-ġilda għal żjut minerali li qabel intużaw f'magni b'kombustjoni interna biex jillubrifikaw u jberrdu l-partijiet li jiċċaqilqu fil-magna.

8. Xogħol li jinvolvi l-espożizzjoni għal emissjonijiet tal-egżost minn magni diżil.

(1) Lista ta' Monographs on the Evaluation of Carcinogenic Risks to Humans“Wood Dust and Formaldehyde” xi injam iebes tista' tinsab fil-Volum 62 tal-Monografi dwar l-Evalwazzjoni ta' Riskji Karċinoġeni għal Bniedem “Trab ta' l-Injam u *Formaldehyde*”, ippublikat mill-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka fuq il-Kanċer, Lyon, 1995.

▼B

*ANNESS II*

**Rakomandazzjonijiet prattiċi għas-sorveljanza tas-saħħa tal-ħaddiema**

*(Artikolu 14(7))*

▼M6

1. It-tabib u/jew l-awtorità responsabbli għas-sorveljanza tas-saħħa tal-ħaddiema esposti għal karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni jeħtiġilhom ikunu familjari mal-kundizzjonijiet jew ċirkostanzi ta' espożizzjoni ta' kull ħaddiem.

▼B

2. Sorveljanza tas-saħħa tal-ħaddiema għandha tiġi esegwita skond il-prinċipji u l-prattiċi tal-mediċina tal-post tax-xogħol; għandha tinkludi mill-inqas dawn il-miżuri li ġejjin:

iżomm *records* ta' l-istorja medika u professjoniali tal-ħaddiem,

intervista personali,

meta addattat, sorveljanza bijoloġika, kif ukoll skoperta ta' effetti bikrija u li jistgħu jinqalbu.

Testijiet ulterjuri jistgħu jiġu deċiżi għal kull ħaddiem meta hu jkun s-suġġett tas-sorveljanza tas-saħħa, fid-dawl tat-tagħrif l-iktar reċenti għad-disposizzjoni għal mediċina professjonali.

▼M3

*ANNESS III*

**VALURI TA' LIMITU U DISPOŻIZZJONIJIET OĦRA RELATATI B'MOD DIRETT (ARTIKOLU 16)**

A. VALURI TA' LIMITU GĦALL-ESPOŻIZZJONI FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL

| Isem tal-aġent | Nru tal-KE ([1]) | Nru tas-SAK ([2]) | Valuri ta' limitu | | | | | | Notazzjoni | Miżuri tranżizzjonali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | 8 sigħat ([3]) | | | Terminu qasir ([4]) | | | | |
| | | | $mg/m^3$ ([5]) | ppm ([6]) | f/ml ([7]) | $mg/m^3$ ([5]) | ppm ([6]) | f/ml ([7]) | | |
| Trab tal-injam iebes | — | — | 2 ([8]) | — | — | — | — | — | — | Valur limitu 3 $mg/m^3$ sas-17 ta' Jannar 2023 |
| Komposti tal-Kromju (VI) li huma karċinoġeni, fis-sens tal-punt (i) tal-Artikolu 2(a)<br>(bħala kromju) | — | — | 0,005 | — | — | — | — | — | — | Valur limitu 0,010 $mg/m^3$ sas-17 ta' Jannar 2025<br>Valur limitu: 0,025 $mg/m^3$ għal proċessi għal iwweldjar jew qtugħ bil-plasma jew proċessi ta' xogħol simili li jiġġeneraw dħaħen sas-17 ta' Jannar 2025 |
| Fibri taċ-ċeramika refrattarji li huma karċinoġeni fis-sens tal-punt (i) tal-Artikolu 2(a) | — | — | — | — | 0,3 | — | — | — | — | |
| Trab tas-silika kristallina respirabbli | — | — | 0,1 ([9]) | — | — | — | — | — | — | |
| ▼M6 Benżen | 200-753-7 | 71-43-2 | 0,66 | 0,2 | – | – | – | – | Ġilda ([10]) | Valur limitu ta’ 1 ppm (3,25 $mg/m^3$) sal-5 ta’ April 2024. Valur limitu ta’ 0,5 ppm (1,65 $mg/m^3$) mill-5 ta’ April 2024 sal-5 ta’ April 2026. |

▼ M3

| Isem tal-aġent | Nru tal-KE ([1]) | Nru tas-SAK ([2]) | Valuri ta' limitu | | | | | | Notazzjoni | Miżuri tranżizzjonali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | 8 sigħat ([3]) | | | Terminu qasir ([4]) | | | | |
| | | | mg/m$^3$ ([5]) | ppm ([6]) | f/ml ([7]) | mg/m$^3$ ([5]) | ppm ([6]) | f/ml ([7]) | | |
| Monomeru tal-vinil klorur | 200-831-0 | 75-01-4 | 2,6 | 1 | — | — | — | — | — | |
| Ossidu tal-etilen | 200-849-9 | 75-21-8 | 1,8 | 1 | — | — | — | — | ġilda ([10]) | |
| 1,2-Epossipropan | 200-879-2 | 75-56-9 | 2,4 | 1 | — | — | — | — | — | |
| Trikloroetilene | 201-167-4 | 79-01-6 | 54,7 | 10 | — | 164,1 | 30 | — | ġilda ([10]) | |
| Akrilammid | 201-173-7 | 79-06-1 | 0,1 | — | — | — | — | — | ġilda ([10]) | |
| 2-Nitropropan | 201-209-1 | 79-46-9 | 18 | 5 | — | — | — | — | — | |
| o-Toluwidina | 202-429-0 | 95-53-4 | 0,5 | 0,1 | — | — | — | — | ġilda ([10]) | |
| 4,4′-Metilendianilina | 202-974-4 | 101-77-9 | 0,08 | — | — | — | — | — | ġilda ([10]) | |

▼M3

| Isem tal-aġent | Nru tal-KE ([1]) | Nru tas-SAK ([2]) | Valuri ta' limitu | | | | | | Notazzjoni | Miżuri tranżizzjonali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | 8 sigħat ([3]) | | | Terminu qasir ([4]) | | | | |
| | | | mg/m$^3$ ([5]) | ppm ([6]) | f/ml ([7]) | mg/m$^3$ ([5]) | ppm ([6]) | f/ml ([7]) | | |
| Epikloroidrina | 203-439-8 | 106-89-8 | 1,9 | — | — | — | — | — | ġilda ([10]) | |
| Dibromur tal-etilene | 203-444-5 | 106-93-4 | 0,8 | 0,1 | — | — | — | — | ġilda ([10]) | |
| 1,3-Butadjen | 203-450-8 | 106-99-0 | 2,2 | 1 | — | — | — | — | — | |
| Diklorur tal-etilene | 203-458-1 | 107-06-2 | 8,2 | 2 | — | — | — | — | ġilda ([10]) | |
| Idrazina | 206-114-9 | 302-01-2 | 0,013 | 0,01 | — | — | — | — | ġilda ([10]) | |
| Bromoetilena | 209-800-6 | 593-60-2 | 4,4 | 1 | — | — | — | — | — | |
| Emissjonijiet tal-egżost minn magni diżil | | | 0,05 (*) | | | | | | | Il-valur ta' limitu għandu japplika mill-21 ta' Frar 2023. Għall-estrazzjoni ta' taħt l-art u l-bini tal-mini, il-valur ta' limitu għandu japplika mill-21 ta' Frar 2026. |
| Taħlitiet ta' idrokarburi aromatiċi poliċikliċi, b'mod partikolari dawk li fihom il-benżo[a]piren, li huma karċinoġeni skont it-tifsira ta' din id-Direttiva | | | | | | | | | ġilda ([10]) | |

▼M3

| Isem tal-aġent | Nru tal-KE (1) | Nru tas-SAK (2) | Valuri ta' limitu | | | | | | Notazzjoni | Miżuri tranżizzjonali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | 8 sigħat (3) | | | Terminu qasir (4) | | | | |
| | | | mg/m3 (5) | ppm (6) | f/ml (7) | mg/m3 (5) | ppm (6) | f/ml (7) | | |
| Żjut minerali li qabel intużaw f'magni b'kombustjoni interna biex jillubrifikaw u jberrdu l-partijiet li jiċċaqilqu fil-magna | | | | | | | | | ġilda (10) | |
| ▼M4 | | | | | | | | | | |
| Kadmju u l-komposti inorganiċi tiegħu | — | — | 0,001 (11) | — | — | — | — | — | | Valur limitu ta' 0,004 mg/m3 (12) sal-11 ta' Lulju 2027. |
| Berillju u l-komposti inorganiċi tal-berillju | — | — | 0,0002 (11) | — | — | — | — | — | sensitizzazzjoni respiratorja u tal-ġilda (13) | Valur limitu ta' 0,0006 mg/m3 sal-11 ta' Lulju 2026. |
| Aċidu arseniku u l-imluħ tiegħu, kif ukoll il-komposti inorganiċi tal-arseniku | — | — | 0,01 (11) | — | — | — | — | — | — | Għas-settur tat-tidwib tar-ram il-valur limitu għandu japplika mill-11 ta' Lulju 2023. |
| Formaldeid | 200-001-8 | 50-00-0 | 0,37 | 0,3 | — | 0,74 | 0,6 | — | sensitizzazzjoni tal-ġilda (14) | Valur limitu ta' 0,62 mg/m3 jew 0,5 ppm (3) għas-settur tal-kura tas-saħħa, tal-funerali u dak tal-ibbalzmar sal-11 ta' Lulju 2024. |
| 4,4′-Metilen-bis(2-kloroanilina) | 202-918-9 | 101-14-4 | 0,01 | — | — | — | — | — | ġilda (10) | |

▼M3

| Isem tal-aġent | Nru tal-KE ([1]) | Nru tas-SAK ([2]) | Valuri ta' limitu | | | | | | Notazzjoni | Miżuri tranżizzjonali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | 8 sigħat ([3]) | | | Terminu qasir ([4]) | | | | |
| | | | mg/$m^3$ ([5]) | ppm ([6]) | f/ml ([7]) | mg/$m^3$ ([5]) | ppm ([6]) | f/ml ([7]) | | |
| ▼M6 Akrilonitril | 203-466-5 | 107-13-1 | 1 | 0,45 | – | 4 | 1,8 | – | Ġilda ([10])<br>Sensitizzazzjoni tal-ġilda ([14]) | Il-valuri limitu għandu japplika mill-5 ta' April 2026. |
| Komposti tan-nikil | – | – | 0,01 ([15])<br>0,05 ([16])) | – | – | – | – | – | Sensitizzazzjoni respiratorja u tal-ġilda ([13]) | Il-valur limitu ([15]) għandu japplika mit-18 ta' Jannar 2025<br>Il-valur limitu ([16]) għandu japplika mit-18 ta' Jannar 2025. Sa dak iż-żmien għandu japplika valur limitu ta' 0,1 mg/$m^3$ ([16]). |
| Ċomb inorganiku u l-komposti tiegħu | | | 0,15 | | | | | | | |
| N,N-Dimetilaċetammid | 204-826-4 | 127-19-5 | 36 | 10 | | 72 | 20 | | Ġilda ([10]) | |
| Nitrobenżen | 202-716-0 | 98-95-3 | 1 | 0,2 | | | | | Ġilda ([10]) | |
| N,N Dimetilformammid | 200-679-5 | 68-12-2 | 15 | 5 | | 30 | 10 | | Ġilda ([10]) | |
| 2-Metossietanol | 203-713-7 | 109-86-4 | | 1 | | | | | Ġilda ([10]) | |
| 2-Metossietil aċetat | 203-772-9 | 110-49-6 | | 1 | | | | | Ġilda ([10]) | |
| 2-Etossietanol | 203-804-1 | 110-80-5 | 8 | 2 | | | | | Ġilda ([10]) | |
| 2-Etossietil aċetat | 203-839-2 | 111-15-9 | 11 | 2 | | | | | Ġilda ([10]) | |
| 1-Metil-2-pirrolidon | 212-828-1 | 872-50-4 | 40 | 10 | | 80 | 20 | | Ġilda ([10]) | |

▼**M6**

| Isem tal-aġent | Nru tal-KE (1) | Nru tas-SAK (2) | Valuri ta' limitu | | | | | | Notazzjoni | Miżuri tranżizzjonali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | 8 sigħat (3) | | | Terminu qasir (4) | | | | |
| | | | $mg/m^3$ (5) | ppm (6) | f/ml (7) | $mg/m^3$ (5) | ppm (6) | f/ml (7) | | |
| Merkurju u komposti divalenti inorganiċi tal-merkurju inklużi l-ossidu tal-merkurju u l-klorur tal-merkurju (imkejlin bħala merkurju) | | | 0,02 | | | | | | | |
| Bisfenol A; 4,4′-Iżopropilidenedifenol | 201-245-8 | 80-05-7 | 2 (11) | | | | | | | |
| Monossidu tal-karbonju | 211-128-3 | 630-08-0 | 23 | 20 | | 117 | 100 | | | |

▼**M3**

(1) In-Nru tal-KE, jiġifieri EINECS, ELINCS jew NLP, huwa n-numru uffiċjali tas-sustanza fl-Unjoni Ewropea, kif definit fit-Taqsima 1.1.1.2 fl-Anness VI, il-Parti 1 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.
(2) Nru tas-SAK: in-Numru tar-Reġistru tas-Servizz tal-Astratt Kimiku.
(3) Imkejla jew ikkalkulati b'rabta ma' perijodu ta' referenza tal-medja kkunsidrata fil-funzjoni tal-ħin ta' tmien sigħat (TWA).
(4) Limitu ta' espożizzjoni għal żmien qasir (STEL). Valur ta' limitu li 'l fuq minnu ma għandux ikun hemm espożizzjoni u li huwa relatat ma' perijodu ta' 15-il minuta, sakemm mhux speċifikat mod ieħor.
(5) $mg/m^3$ = milligrammi kull metru kubu ta' arja b'20 °C u 101,3 kPa (pressjoni tal-merkurju ta' 760 mm).
(6) ppm = partijiet kull miljun b'volum fl-arja ($ml/m^3$).
(7) f/ml = fibri kull millilitru.
(8) Frazzjoni li tista' tinġibed 'il ġewwa man-nifs: jekk it-trabijiet tal-injam iebes jitħalltu ma' trabijiet ta' njam ieħor, il-valur ta' limitu għandu japplika għat-trabijiet kollha tal-injam li jkunu preżenti f'dik it-taħlita.
(9) Frazzjoni respirabbli.
(10) Kontribuzzjoni sostanzjali għall-piż totali tal-ġisem mill-espożizzjoni tal-ġilda possibbli.
►**M4** (11) Frazzjoni inalabbli.
(12) Frazzjoni inalabbli. Frazzjoni respirabbli f'dawk l-Istati Membri li, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, jimplimentaw sistema ta' bijomonitoraġġ b'valur limitu bijoloġiku li ma jaqbiżx 0,002 mg Cd/g ta' kreatinina fl-awrina.
(13) Is-sustanza tista' tikkawża sensitizzazzjoni tal-ġilda u tas-sistema respiratorja.
(14) Is-sustanza tista' tikkawża sensitizzazzjoni tal-ġilda. ◄
(15) Frazzjoni respirabbli, imkejla bħala nikil.
(16) Frazzjoni inalabbli, imkejla bħala nikil.
(*) Imkejla bħala karbonju elementali.

B. DISPOŻIZZJONIJIET OĦRA RELATATI B'MOD DIRETT

p.m.

▼**M6**

*ANNESS* IIIa

**VALURI LIMITU BIJOLOĠIĊI U MIŻURI TAS-SORVELJANZA TAS-SAĦĦA**

*(Artikolu 16(4))*

1. Iċ-ċomb u l-komposti joniċi tiegħu

1.1. Il-monitoraġġ bijoloġiku għandu jinkludi l-kejl tal-livell taċ-ċomb fid-demm (PbB) bl-użu tal-ispettrometrija tal-assorbiment jew metodu li jagħti riżultati ekwivalenti. Il-valur limitu bijoloġiku vinkolanti huwa:

70 µg Pb/100 ml demm

1.2. Sorveljanza medika titwettaq jekk l-espożizzjoni għal konċentrazzjoni ta' ċomb fl-arja tkun akbar minn 0,075 mg/m$^3$, ikkalkulata bħala medja ppeżata skont il-ħin fuq 40 siegħa fil-ġimgħa, jew livell ta' ċomb tad-demm akbar minn 40 µg Pb/100 ml ta' demm jitkejjel f'ħaddiema individwali.

▼B

*ANNESS IV*

**Parti A**

**Direttiva abrogati u l-emendamenti suċċessivi tagħha**

*(msemmija bl-Artikolu 20)*

| | |
|---|---|
| Direttiva tal-Kunsill 90/394/KEE | (ĠU L 196, tas-26.7.1990, p. 1) |
| Direttiva tal-Kunsill 97/42/KE | (ĠU L 179, tat-8.7.1997, p. 4) |
| Direttiva tal-Kunsill 1999/38/KE | (ĠU L 138, ta' l-1.6.1999, p. 66) |

**Parti B**

**Żmien perentorju għat-trasposizzjoni fil-liġi nazzjonali**

*(msemmija bl-Artikolu 20)*

| Direttiva | Skadenza għat-trasposizzjoni |
|---|---|
| 90/394/KEE | fil-31 ta' Diċembru 1992. |
| 97/42/KE | fis-27 ta' Ġunju 2000. |
| 1999/38/KE | fid-29 ta' April 2003. |

▼B

*ANNESS V*

**TABELLA TAL-KORRELAZZJONI**

| Direttiva 90/394/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| L-Artikolu 1 | L-Artikolu 1 |
| L-Artikolu 2(a) | L-Artikolu 2(a) |
| L-Artikolu 2(aa) | L-Artikolu 2(b) |
| L-Artikolu 2(b) | L-Artikolu 2(c) |
| L-Artikoli 3 to 9 | L-Artikolu 3 to 9 |
| L-Artikolu 10(1)(a) | L-Artikolu 10(1)(a) |
| L-Artikolu 10(1)(b), l-ewwel sentenza | L-Artikolu 10(1)(b) |
| L-Artikolu 10(1)(b), it-tieni sentenza | L-Artikolu 10(1)(c) |
| L-Artikolu 10(1)(c) | L-Artikolu 10(1)(d) |
| L-Artikolu 10(1)(d), l-ewwel u t-tieni sentenza | L-Artikolu 10(1)(e) |
| L-Artikolu 10(1)(d), it-tielet sentenza | L-Artikolu 10(1) (f) |
| L-Artikolu 10(2) | L-Artikolu 10(2) |
| L-Artikoli 11 sa 18 | L-Artikoli 11 sa 18 |
| L-Artikolu 19(1) l-ewwel subparagrafu | |
| L-Artikolu 19(1) it-tieni subpargrafu | |
| L-Artikolu 19(1) it-tielet subparagrafu | |
| L-Artikolu 19(2) | L-Artikolu 19 |
| | L-Artikolu 20 |
| | L-Artikolu 21 |
| L-Artikolu 20 | L-Artikolu 22 |
| L-Anness I | L-Anness I |
| L-Anness II | L-Anness II |
| L-Anness III | L-Anness III |
| | L-Anness IV |
| | L-Anness V |